**13 ta' Marzu, 1964.**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Maria mart Felice Micallef

versus

Felice Micallef

## Separazzjoni Personali — Alimenti — Disokkupat — Tfal f'Istitut — Art. 56 - 59 tal-Kodiċi Ċivili

*Fil-kalkolu tal-profitti ta' min ikun tenut għall-alimenti ma jiġux konsiderati biss il-profitti tal-mestier, professjoni jew arti li hu attwalment ikun qiegħed jeżerċita, imma dawk ukoll tal-professjoni, arti jew mestier li hu jista' jeżerċita.*

*F'dan il-każ l-ulied minuri tal-kontendenti kienu f'dati f'Istitut, u l-Qorti kkundannat lill-missier iħallas l-alimenti dovuti lill-minuri, direttament lill-Istitut.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet meħteġa u mogħtija l-ordnijiet li hemm bżonn, premess illi l-konvenut ir-renda ruħu ħati ta' sevizzji gravi, inġurji, u swat lejn l-attriċi u ma mantniex lanqas lill-uliedu minorenni, talbet illi (1) il-Qorti tikkunndanna lill-konvenut ħati ta' sevizzji u nġurji gravi lejn martu l-attriċi u tordna s-separazzjoni bejn il-kontendenti "a mensa et thoro;" (2) tagħti l-kura tat-tfal minorenni fuq imsemmija lill-attriċi; (3) tikkundanna lill-konvenut iħallas retta alimentari lill-istess attri-

ċi u wliedha minuri li titħallas kull ġimgħa kif jiġi stabilit mill-Qorti, u (4) tikkundanna l-konvenut għad-dekadenza għall-finijiet ta' l-artikolu 56 tas-sub-section III, tal-Kap. 23, Ktieb I, tal-liġijiet ta' Malta (Edizzjoni Riveduta). Bl-ispejjeż.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet li biha l-konvenut oppona illi l-attriċi ma għandha ebda nomina li tawtorizzaha tidher f'isem uliedha minuri; li t-tfal huma kollha kollokati fl-istituti, u illi hu qatt ma ta' lok għall-atti li jwasslu għas-separazzjoni; anzi kienet l-attriċi li fil-ħajja konjugali tagħha naqset mid-doveri tagħha lejh.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq indikata fit-30 ta' Marzu, 1963, li biha ddikjarat li ma ħaditx konjizzjoni ta' l-ewwel eċċezzjoni, u laqat it-talbiet ta' l-attriċi billi ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti: awtorizzat lill-attriċi tgħix mifruda mill-konvenut, u dan minħabba sevizzji, swat u nġurji gravi da parti tiegħu; fdat il-kura tat-tfal f'idejn l-attriċi li però, sakemm l-attriċi ma jkollhiex fejn toqgħod f'post aħjar minn dak preżenti, għandhom jibqgħu fl-Istituti fejn qegħdin, u l-konvenut ikollu d-dritt jarahom almenu darba fil-ġimgħa skond l-esiġenzi ta' l-Istituti; ikkundannat lill-konvenut iħallas mil-jum tas-sentenza erba liri u għaxar xelini (£4.10.0) fil-ġimgħa bħala manteniment ta' l-attriċi u tat-tfal, imqassmin lira u għaxar xelini (£1.10.0)għall-attriċi, u l-kumplament għat-tfal, indaqs bejniethom. Il-manteniment ta' l-attriċi għandu jitħallas lilha fir-residenza tagħha, u dak tat-tfal għandu jitħallas, għaxar xelini (10/-) f'idejn l-attriċi biex tkun tista' tixtrilhom xi affarijiet meta tmur tarahom u lira u ħames xelini (£1.5.0) lill-Istitut ta' Ċini, u lira u ħames xelini (£1.5.0) lill-Istitut ta' Ġesù Nazzarenu, u dan sakemm ħin il-Qorti ma tipprovdix diversament għall-każ li l-attriċi tkun tista' tieħu joqgħodu magħha lit-

tfal jew xi wħud minnhom; u ddikjarat operabili kontra l-konvenut id-dekadenzi kontemplati fl-Art. 56 tal-Kodiċi Ċivili. Bl-ispejjeż tal-kawża kontra tiegħu — wara li dik il-Qorti kkunsidrat:—

Li, in segwitu għall-provvediment tagħha, il-konvenut irtira l-ewwel eċċezzjoni.

Li, ir-riżultat illi l-konvenut ġie li sawwat lill-attriċi, kif hu stess ammetta, u darba qabadha min grizmejha u ħarġilha d-demm minn imneħerha, u darb'oħra għamlilha sikkina ma' għonqha. Hu anki għajjar lill-attriċi li kellha x'taqsam mal-ħbieb tiegħu. Il-konvenut iħobb jixrob u jitkellem faħxi quddiem it-tfal, tant li wieħed mis-subien dera jkellem ħażin lill-ommu. Minħabba fl-imġieba tal-konvenut l-attriċi marret bit-tfal għand ommha, u billi l-konvenut ma kompliex imantnihom, l-attriċi kellha tqiegħed lit-tfal fl-istituti — il-bniet fl-Istitut ta' Cini u s-subien fl-Istitut ta' Ġesù Nazzarenu. Il-kontendenti għandhom sitt itfal: Carmelo ta' għaxar snin, Giorgina ta' disa' snin, Joseph ta' seba' snin, Ċettina ta' ħames snin, David ta' erba' snin u Rose ta' sentejn.

Li, b'dan il-mod li l-konvenut ittratta ma' martu hu rrenda mpossibli l-ħajja konjugali.

Li, il-konvenut bħala mpiegat ma' furnar jaqla sebgħa liri u għaxar xelini (£7.10.0) fil-ġimgħa.

Li għalkemm it-tfal tal-kontendenti qegħdin fl-Istituti mingħajr ħlas obbligatorju fejn qed jiġu forniti bl-ikel u bl-ilbies, l-Istituti li jgħixu bil-karità, jaċċetaw kull kontribuzzjoni volontarja.

Li, fil-preżent l-attriċi qegħda toqgħod f'kamra waħda

u hu xieraq li għal issa t-tfal jibqgħu fl-Istituti; iżda hu wkoll xieraq illi l-konvenut iħallas għall-manteniment tagħhom;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu għar-revoka ta' l-imsemmija sentenza, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata.

Rat l-attijiet kollha tal-kawża.

Semgħet lid-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Il-konvenut appellant jallega prinċipalment — kontra s-sentenza appellata — li ma hemmx motivi biżżejjed biex tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali għall-ħtija tiegħu u *dan għaliex, in kwantu għall-moħqrija,* fil-waqt li biex dina tagħti lok għas-separazzjoni personali trid tkun gravi u ta' ċerta kontinwità, irriżulta nveċi — fil-każ preżenti — li hu rarament, f'każ ta' litiġi normali bejn konjugi, refa' jdejh fuq l-attriċi, u l-inċident tas-sikkina fuq riferit ma kienx ħlief ċajta, tabilħaqq goffa, imma ċajta li għalhekk ma tagħtix lok għas-separazzjoni personali, u, in kwantu għall-inġurji, ma rriżultax li hu għajjar lill-attriċi, imma biss li qalla illi l-aġir tagħha ma rġiel li riedet tiffrekwenta, u li hu ma kellux pjaċir bihom, kien sospett.

Sussidjarjament jallega illi, anki kieku kellu jiġi ritenut li rriżultaw inġurji u moħqrija tali li jagħtu lok għas-separazzjoni personali, ma jmisshomx ġew komminati kontra tiegħu d-dekadenzi kontemplati fl-artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili billi dan l-artikolu jikkommina dawk id-dekadenzi meta s-separazzjoni personali ssir minħabba adulterju u minħabba abbandun, *u, għalkemm il-liġi, meta tiġi biex*

tikkommina dekadenzi għall-każ ta' separazzjoni personali minħabba eċċessi, moħqrija u tehdid, fl-artikolu 59 ta' l-istess kodiċi tagħmel riferenza għall-imsemmi artikolu 56; iżda turi biċ-ċar li f'dan il-każ il-pieni għandhom ikunu inqas gravi.

Dejjem sussidjarjament, l-appellant jallega wkoll illi ġie kundannant iħallas rata ta' alimenti wisq qawwija, billi l-ewwel Qorti, meta stabbilit dik ir-rata, ma ħaditx in konsiderazzjoni l-fatt li l-impjieg tiegħu mhux ċert u l-fatt li hu jinsab gravat bl-ispejjeż ta' din il-kawża; u, fl-aħħarnett, li l-kundanna tiegħu biex iħallas direttament lill-istituti r-rata ta' l-alimenti stabbilita għall-uliedu mhix skond il-liġi, billi dawk l-istituti mhumiex fil-kawża u għal daqstant din il-kundanna tiegħu hi wkoll ta' piż inutili għalih, mingħajr ebda vantaġġ għall-uliedu, billi, kif spjega waqt it-trattazzjoni orali ta dana l-appell, mhix kapaċi ta' esekuzzjoni forzusa.

Riferibilment għall-ewwel aggravvju pretis soffert bl-appellata sentenza, din il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa l-provi prodotti min parti u min l-oħra, waslet għall-konklużżjoni li ma ssib ebda raġuni biex tiddiskosta ruħha mill-konklużżjoni li fiha waslet l-ewwel Qorti fis-sens li l-konvenut ta motiv għas-separazzjoni personali minħabba moħqrija billi abitwalment kien isawwat lill-attriċi martu, u jaġixxi magħha b'mod li jweġġgħalha qalba u jesaspenaha u dan l-aġir tiegħu magħha ma jistax ma jġibx fiha avversjoni lejh li tirrendi mpossibli l-ħajja konjugali.

Riferibilment għat-tieni aggravvju skond il-liġi (art. 59, Kodiċi Ċivili), meta s-separazzjoni ssir minħabba eċċessi jew moħqrija jew theddid jew inġurji gravi, din tista' ikollha l-effetti imsemmijin fl-artikoli 56, 57 u 58 tal-Kodiċi

Ċivili, meta l-Qorti jidhrilha li taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom jgħoddu f'kollox jew biċċa. L-applikazzjoni ta' dawk l-effetti hi, kwindi, imħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li dina tuża kif ikunu jirrikjedu ċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari. L-ewwel Qorti dehrilha li għandha tapplika l-effetti kollha li huma msemmijin fl-artikolu 56 u din il-Qorti ma ssibx raġunijiet biex tiddisturba dak il-ġudizzju ta' l-ewwel Qorti.

Riferibilment għat-tielet aggravvju, il-konvenut xehed li ġie li qala erba' liri u għaxar xelini (£4.10.0) fil ġimgħa u ġie li qala' sitt liri (£6) fejn kien qiegħed jaħdem allura; iżda l-prinċipal tiegħu xehed li bħala furnar lavrant miegħu kien qiegħed jagħtih paga ta' seba' liri u nofs (£7.10.0)) fil-ġimgħa u wkoll xi ħobża kull jum. Dawn — iġifieri seba' liri u nofs £7.10.0) fil-ġimgħa — kienu l-profitti li l-ewwel Qorti qieset meta stabbilit f'erba' liri u nofs (£4.10.0) fil-ġimgħa l-alimenti li l-konvenut għandu jħallas għall-attriċi, martu, u għas-sitt uliedhom, u lanqas f'dan din il-Qorti ma ssib raġuni biex tiddisturba l-ġudizzju ta' l-ewwel Qorti. Inoltri — u dan qiegħed jingħad għaliex il-konvenut issottometta li hu attwalment jinsab disokkupat — il-fatt li l-konvenut kien jirċevi bħala paga seba' liri u nofs (£7.10.0) fil-ġimgħa bħala lavrant furnar, għandu jservi biex juri li l-profitti li l-konvenut jista' normalment jagħmel bl-eżerċizzju tal-mestier tiegħu għandhom jiġu stabbiliti f'din issomma, u allura, anke jekk hu jinsab momentanament disokkupat, dina ċ-ċirkostanza m'għandha ġġib l-ebda dbiddil billi fil-kalkolu tal-profitti ta' min ikun tenut għall-alimenti ma jiġux konsiderati biss il-profitti tal-mestier, professjoni jew arti li hu attwalment ikun qiegħed jeżerċita, imma dawk ukoll tal-professjoni arti jew mestier li hu jista' jeżerċita, u kwindi lanqas dana l-aggravvju ma jista' jiġi kunsidrat fondat.

In kwantu għaċ-ċensura li ġiet mill-appellant mossa kontra s-sentenza ta' l-ewwel Qorti billi ordnat li dik il-parti tar-retta alimentarja li ġiet stabbilita għall-ulied tiġi direttament mħallsa lill-Istituti fejn attwalment jinsabu provviżorjament rikoverati, m'għandux jitnesa li b'dik is-sentenza l-ulied ġew fdati għall-kura ta' l-attriċi u s-somma tal-alimenti somministrabbli mill-konvenut ġiet stabbilita għall-istess attriċi u għal dawn l-ulied bid-distinzjoni ta' kemm għandu jservi għaliha u kemm għall-ulied; iżda, peress li dawk it-tfal momentaneament jinsabu fl-imsemmija istituti, mhux għaliex ġew kollokati fihom b'ordni tal-Qorti, imma għaliex attwalment l-attriċi m'għandhiex dar fejn tilqahhom, biex il-Qorti tkun żgura li dik il-parti mis-somma ta' l-alimenti li stabbilit għal dawk it-tfal isservi żgur għalihom, ħadet il-kawtela li tordna illi titħallas direttament lil dawk l-istituti sakemm it-tfal jibqgħu rikoverati fihom, u f'dan din il-Qorti ma ssib xejn kuntrarju għall-liġi, u l-appellant lanqas ma għandu għal fejn jilmenta li dan hu għalih pis inutili mingħajr ebda vantaġġ għall-ulied, il għaliex. u apparti l-fatt li l-miżura adottata mill-ewwel Qorti hi ta' natura provviżorja għar-raġuni ġja fuq imsemmija. dawk l-istituti, għalkemm iżommu mingħajr ħlas lil min hu tabilħaqq fqir u ma jistax iħallas; iżda, xi wħud minnhom jesiġu u oħrajn jaċċettaw il-ħlas meta min għandu jieħu ħsieb it-tfal ikun jista' jħallas.

Għal dawn il-motivi:

Tirrispinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza denunċjata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellanti.